**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 11 ta’ Novembru 2019**

**Rikors Numru 43/2019**

**Heritage Malta Agency u Noel Zammit detentur tal-karta tal-identità numru 59676M bhala CEO ta’ Heritage Malta in rapprezentanza tal-istess Agenzija**

**Vs**

**L-Awtorita` tal-Artijiet**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta’ **Heritage Malta Agency u Noel Zammit detentur tal-karta tal-identità numru 59676M bhala CEO ta’ Heritage Malta in rapprezentanza tal-istess Agenzija** pprezentat fit-13 ta’ Mejju 2019 li permezz tieghu ppremettew is-segwenti:-

*“Illi r-rikorrent ghamel applikazzjoni mal-Awtorita’ tal-Artijiet ai termini tal-formula GLA3 (Request to The Lands Authority for The Disposal of Government Property to A Ministry, Department, Authority, Corporation, Company, Agency, Local Council or Any Other Entity That Operates Under the Public Administration; Or in Terms of Article 31 (d) Of Chapter 573 Of the Laws of Malta.) sabiex il-fond 139, Melita Street, Valletta jghaddi ghand Heritage Malta Agency;*

*Illi fil-25 ta’ April 2019 ircieva decizjoni minghand l-Awtorita’ fejn gharrfitu li l-applikazzjoni ma setghetx tigi milqugha stante li “ma ntbaghtitx raguni valida ghall-uzu ta’ din il-propjeta u ghalhekk ma jidhirx li l-allokazzjoni ta’ din il-propjeta’ hu l-ahjar uzu”, u dan skont id-dokument anness u mmarkat bhala DOK A;*

*Illi r-rikorrenti jirrileva li l-applikazzjoni saret permezz ta' formula onlajn fejn, fi zmien id-data tal-applikazzjoni cioe' fil-bidu tas-sena 2018, tali facilita' onlajn ma kinitx timponi sabiex fl-istadju tal-applikazzjoni onlajn, l-applikant jannetti fid-dettal ir-ragunijiet ghal tali applikazzjoni;*

*Illi r-rikorrent issottometta diversi applikazzjonijiet differenti bhal fil-kaz odjern, u l-Awtorita' dejjem tat lok sabiex l-Agenzija tibghat d-dettalji tat-talba aktar tard, dan dejjem minhabba li onlajn ma kinitx tezisti din il-fakulta', kif inghad qabel;*

*Illi jidher fil-kaz odjern l-Agenzija ma nghatat l-ebda opportunita' sabiex tipprezenta r-ragunijiet ghat-talba maghmula;*

*Illi tali nuqqas ma kienx dovut ghall-Agenzija, u b'dan in-nuqqas l-Agenzija giet michuda milli tissustanzja l-applikazzjoni taghha minghajr ebda tort attribwibbli lill-istess Agenzija;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil dan it-Tribunal sabiex joghgbu jiddikjara d-decizjoni bhala nfondata, u dan minhabba l-fatt li ttiehdet decizjoni minghajr l-propja konsiderazzjonijiet necessarji."*

Ra li l-Awtorita` intimata debitament notifikata ma pprezentat l-ebda risposta fit-terminu koncess lilha;

Ra illi fit-13 ta' Gunju 2019 l-Awtorita` intimata pprezentat rikors fejn talbet lil dan it-Tribunal jawtorizzaha tipprezenta risposta;

Ra illi permezz ta' sentenza tat-22 ta' Lulju 2019 it-Tribunal laqa' t-talba tal-Awtorita` intimata ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja u akkordalha ghoxrin (20) gurnata biex tipprezenta r-risposta taghha;

Ra illi permezz ta' risposta datata 9 ta' Awwissu 2019 **l-Awtorita` tal-Artijiet** ipprezentat ir-risposta taghha fejn eccepiet is-segwenti:
"

1. *Illi r-rikorrenti talbu l-Awtorita' esponenti permezz ta' applikazzjoni numru GLA3/2018/0056 liema applikazzjoni hija datata sitta u għoxrin (26) ta' April elfejn u tmintax (2018) '139, Melita Street, Valletta'.*

2. *Illi l-Awtorita' tal-Artijiet b'deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi datata 18 ta' April, 2019 irrifjutat il-kunsens tagħha fuq il-fond '139, Melita Street, Valletta' peress li ma ntbagħtitx raġuni valida għall-użu ta' din il-*

*propjeta' u għalhekk ma jidhirx li l-allokazzjoni ta' din il-propjeta' hu l-aħjar użu;*

3. *Illi l-esponenti tennew illi ħassewhom aggravati mid-deċiżjoni tal-Awtorita' għar-raġunijiet illi ssemmew fir-rikors promutur u għaldaqstant umilment jitolbu lil dan it-Tribunal sabiex jogħġbu jiddikjara d-deċiżjoni bħala nfondata, u dan minħabba l-fatt li ttieħdet deċiżjoni mingħajr l-propja konsiderazzjonijiet neċessarji;*

4. *Illi Art7(2)(c) tal-Kap 563 jagħmilha l-funzjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet illi "tamministra bl-akbar mod assolut sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta' Malta u kull art li tifforma parti mill-isfera pubblika" u għaldaqstant l-Awtorita' kienet fid-dittijiet pjeni tagħha li tiehu tali decizjoni;*

5. *Illi sabiex isir l-ahjar użu l-Awtorita' trid tkun infurmata tajjeb dwar ir-raġuni għalfejn qed tintalab l-art jew il-propjeta' u fl-applikazzjoni għandu jkun ċar u inekwivoku dan l-użu x'jikkomprendi. Dan għaliex jekk ma jkunx hemm raġuni valida għall-użu tal-propjeta' l-Awtorita' ma tkunx qiegħda tagħmel xogħolha;*

6. *Illi huwa d-dmir ta' min japplika li juri bl-aħjar mod li jista' għalfejn għandu jingħata art jew propjeta' tal-gvern u mhux iħalli lill-Bord fl-għama meta jista' faċilment jelenka r-raġunijiet x'inhuma;*

7. *Illi saħansitra meta wieħed ma jagħmilx dan iġiegħel lill-Bord jaħseb illi tali raġunijiet ma jeżistux jew m'humiex tajbin bizżejjed għaliex fl-aħħar mill-aħħar jekk ma jagħmilx dan id-daqsxejn ta' sforz minimu biex jimbotta l-każ tiegħu l-applikant, wieħed m'għandux jippretendi li jagħmel xi sforzi straordinarji l-Bord li jkun irid jisma' numru ta' każijiet differenti!;*

8. *Illi in oltre fl-istess deċiżjoni tagħha l-Awtorità tat raġuni skont il-prinċipju amministrattiv ormaj stabbilit, "the duty to give reasons" u sejset id-deċiżjonijiet tagħha fuq il-fatti li kellha quddiemha;*

9. *Illi f'dan il-każ ikun bil-wisq aktar utili jekk ir-rikorrenti jerga' japplika mill-ġdid u jagħti raġunijiet validi għall-applikazzjoni;*

10. *Illi rigward l-aggravji fit-totalita' tagħhom u bla preġudizzju għas-suespost id-deċiżjoni mill-Awtorità intimata dwar l-imsemmija applikazzjoni kienet meħuda wara li ġie kkunsidrat illi mill-informazzjoni*

*illi ngħatat ma setgħetx tivverifika li ser isir l-aħjar użu mis-sit inkwistjoni, liema ragunijiet gew debitament notifikati lir-rikorrenti;*

*Għaldaqstant dan l-Onorabbli Tribunal għandu jiċħad it-talbiet kollha mressqa quddiemu mir- rikorrenti bl-ispejjeż interament għall-istess rikorrenti."*

Sema' lill-Perit Reuben Abela;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra illi r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-Agenzija rikorrenti tamministra l-Muzew Nazzjonali tal-Arkeologija minn gewwa l-Berga ta' Provenzja gol-Belt Valletta. Jirrizulta illi binja li originarjament kienet tifforma parti mill-istess Berga, li pero` kienet okkupata minn terzi, giet vakanti, u ghalhekk l-Agenzija rikorrenti kienet tal-fehma illi kien awspikabbli li jkun hemm il-konsolidament tal-fond in kwistjoni mal-Berga msemmija ghaliex l-Agenzija kellha bzonn iktar spazju ghall-attivitajiet gewwa l-Muzew. Ghaldaqstant fis-26 ta' April 2018, l-Agenzija ssottomettiet applikazzjoni mal-Awtorita` intimata biex il-fond vakat jghaddi ghandha.

Madankollu permezz ta' decizjoni tal-Bord tal-Gvernaturi datata 18 ta' April 2019 it-talba tal-Agenzija giet rifjutata peress li l-Agenzija ma tatx raguni valida ghaliex kienet qieghda titlob l-istess proprjeta` u allura ma kienx jidher li l-istess allokazzjoni kienet l-ahjar uzu ghall-istess proprjeta`.

Illi t-Tribunal jirrileva illi l-Agenzija rikorrenti giet imwaqqfa permezz tal-Kapitolu 445 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar il-Patrimonju Kulturali). Artikolu 8 (1) tal-imsemmi Att jistipula illi ghandu *"Ikun hemm aġenzija operattiva hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-Att imsemmija l-Aġenzija li tkun magħrufa bħala"Patrimonju Malta". Il-missjoni tal-Aġenzija tkun li tiżgura li dawk l-elementi tal-patrimonju kulturali fdati lilha jkunu protetti u jsiru aċċessibbli għall-pubbliku, kif provdut f'dan l-Att."*

Illi t-Tribunal ghalhekk jirrileva illi l-applikazzjoni sottomessa mill-Agenzija rikorrenti ma kinitx xi applikazzjoni sottomessa minn terz mhux maghruf, izda minn Agenzija mwaqqfa bil-ligi b'ghanijiet specifici li tissalvagwardja l-patrimonju Malti.

Illi mix-xhieda tal-Perit Reuben Abela, Kap tal-Valletta Management Unit fi hdan l-Agenzija rikorrenti, jirrizulta illi kien hemm drabi ohra fejn l-Agenzija talbet il-*clearance* minghand l-Awtorita` intimata u gew mitluba kjarifika jew iktar informazzjoni dwar it-talbiet taghhom. Madankollu f'dan il-kaz kien hemm rifjut mill-ewwel minghajr ma ntalbu ebda informazzjoni ulterjuri. Huwa jispjega li fiz-zmien li giet sottomessa l-applikazzjoni odjerna ma kienx hemm spazju fejn wiehed jista' jikteb il-gustifikazzjoni ghala kien qieghed jaghmel it-talba tieghu u kien ghal din ir-raguni ghala ma nghatatx iktar informazzjoni. Min-naha l-ohra d-difensur tal-Awtorita` intimata qalet li dan ma kienx il-kaz. Madankollu din l-applikazzjoni, jew kopja taghha, ma gietx esebita. It-Tribunal, pero`, jirrileva, illi anke jekk ghall-grazzja tal-argument kien hemm post fejn wiehed inizzel din l-informazzjoni, il-Bord tal-Gvernaturi, tenut kont li l-applikant kienet l-Agenzija in kwisjtoni seta' imqar jikkomunika maghha, anke permezz ta' email u jaghtiha terminu entro liema kellha tiggustifika t-talba taghha. Fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal dan ma jikkostitwix xi sforz straordinarju da parti tal-Bord tal-Gvernaturi kif eccepiet l-Awtorita` fis-seba' paragrafu tar-risposta taghha. Ma jaghmilx ukoll hafna sens dak suggerit fit-tmien paragrafu tar-risposta tal-Awtorita` intimata illi l-applikant ghandu jerga' japplika mill-gdid u jaghti ragunijiet validi ghall-applikazzjoni tieghu! Fil-fehma ta' dan it-Tribunal dan ikun qieghed izid il-burokrazija u mhux inaqqasha.

Illi filwaqt li dan it-Tribunal japprezza illi l-Bord tal-Gvernaturi gie affaccjat b'numru kbir ta' applikazzjonijiet pendenti, li uhud minnhom kienu jirrisalu ghal ammont ta' snin, ma jistghax jaqbad u jiddeciedi b'dan il-mod. Kif seta' jasal ghall-konkluzzjoni li "ma jidhirx li l-allokazzjoni ta' din il-proprjeta` hu l-ahjar uzu" jekk lanqas biss ghamel sforz minimu biex jara ghal xhiex saret it-talba? Illi ghalhekk, fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal, il-Bord tal-Gvernaturi kien spedittiv izzejjed fid-decizjoni tieghu u kwindi fic-cirkostanzi d-decizjoni tieghu ma kinitx wahda ragjonevoli ghaliex proprju ma kkunsidra l-ebda cirkostanza hlief li ma ntbaghtitx raguni valida ghall-uzu tal-proprjeta`, haga li facilment setghet giet accertata b'semplici email.

Illi di piu` t-Tribunal ta c-cans, fit-termini stretti entro liema jrid jigi deciz dan ir-rikors, sabiex il-Bord tal-Gvernaturi jirrikunsidra d-decizjoni tieghu, u dan anke wara li xehed il-Perit Reuben Abela dwar l-intenzjoni u l-uzu tal-proprjeta` mitluba. Madankollu jirrizulta li dan ic-cans l-Awtorita` intimata ma haditux.

Illi ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jirrevoka d-decizjoni appellata.

**DECIDE**

Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-appell tar-rikorrenti u jichad ir-risposta tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni a karigu tal-istess Awtorita` intimata.

_______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**